

32002D0357

15.5.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 129/1

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI****tas-26 ta' Marzu 2002****dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra**

(2002/357/KE, KEFA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

*Artikolu 1*

Wara li kkonsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 238 b'konġunzjoni mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 228(2) u t-tieni ta' l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkonsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv u l-ftehim unanimu tal-Kunsill,

Wara li kkonsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, iffirmit fi Brussel fl-24 ta' Novembru 1997, għandu jiġi approvat,

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Hashemite tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, il-Protokollu annessi miegħu u d-dikjarazzjonijiet mhemuża ma' l-Att Finali huma hawnhekk approvati fisem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

It-testi tal-Ftehim, il-Protokollu annessi magħhom u l-Att Finali huma mhemuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u l-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill, bi proposta mill-Kummissjoni, jew, fejn huwa xieraq, mill-Kummissjoni, kollha skond dispożizzjonijiet tat-Trattati li jstabbilixxu il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

<sup>(1)</sup> ĠU C 226, 20.07.1998, p. 26.

2. Il-President tal-Kunsill għandu, skond l-Artikolu 90 tal-Ftehim, jippresidi fuq il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità. Rappresentattiv tal-President tal-Kunsill għandu jippresidi fuq il-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni, skond l-Artikolu 93 tal-Ftehim, u jippreżenta l-pożizzjoni tal-Komunità.

Il-President tal-Kummissjoni għandu jqiegħed l-att fisem il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 2002.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jqiegħed l-att tan-notifika provduta għalih fl-Artikolu 106 tal-Ftehim fisem il-Komunità Ewropea.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.M. BIRULÉS Y BERTRÁN

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

R. PRODI

---